**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta' Dicembru 2020**

**Rikors numru 232/2019**

**Fl-Atti tal-Ittra Ufficjali 1902/19**

**Auto Sales Limited (C491)**

**Vs**

**Retrams Limited (C81153)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Retrams Limited (aktar 'l isfel «is-socjeta rikorrenti ») ipprezentat fil-15 ta' Ottubru 2019 fejn ippremettiet is-segwenti :-

*« Illi s-soċjeta' rikorrenti xtrat mingħand Auto Sales Limited 15-il karozza Renault Twizy għall-prezz ta' €9,600 għal kull karozza u dan permezz ta' 15-il kuntratt ta' bejgħ individwali. Kopja ta' wieħed mill-kuntratti hawn anness u mmarkata Dok A.*

*Illi inħarġet kambjali waħda għall-prezz globali ta' Disgħa u Erbgħin elf ewro (€49,000) liema kambjala ġiet iffirmata mir-rapprezentant tas-soċjeta' rikorrenti Lydon Laudi. Kopja tal-kambjala annessa u mmarkata bħala Dok B;*

*Illi s-soċjeta rikorrenti diġa ħallset lis-soċjeta' Auto Sales Limited is-somma ta' €39,400 mill-imsemmija kambjala, u dan anke kif ikkonfermat mis-soċjeta' Auto Sales Limited fl-ittra uffiċċjali 1902/2019, annessa u mmarkata Dok C;*

*Illi Auto Sales Limited (C491) permezz tal-ittra uffiċċjali 1902/2019 bdiet il-proċess sabiex taħt il-provvedimenti tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12 tipprova*

*tirrendi il-bilanċ pendenti ta' €9,600 fuq il-kambjala hawn annessa bħala titolu eżekuttiv;*
*Illi s-soċjeta' esponenti qed tintavola dan ir-rkors ai termini tal-proviso tal-istess Art. 253(e) tal-Kap 12 li jipprovdi illi "illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala.... minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni".*

*Illi fil-każ in ezami, Auto Sales Limited ma onorawx il-ftehim bejn il-partijiet u ingannaw lis-socjeta' rikorrenti. Dana seħħ peress li Auto Sales Limited ma onoratx l-obbligu assunt minnha li skatta mal-bejgħ tal-karozzi Renault u dan peress li l-karozzi ma setgħux jiġu assikurati biex jinstaqu fit-toroq ta' Malta. Ir-rikorrenti sabu diffikultajiet kbar f'dan ir-rigward u kellhom jagħmlu xaharejn ma joperawx minħabba din ir-raġuni, għaliex ma setgħux jikru l-karozzi mingħajr ma jkunu koperti b' polza ta' assikurazzjoni.*

*In oltre, waħda mill-karozzi kellha difetti li ma instabitx raġuni għalhom u damet għand Auto Sales Limited għal sitt xhur sħaħ minn wara id-data tax-xiri mingħajr ma ingħata ebda forma ta' kumpens għal dan.*
*Illi l-vetturi kienu ukoll suġġetti ta' diversi difetti oħra, fosthom li il-handbrakes kienu jeħlu u konsegwenza ta' hekk il-karozzi ma jkunux jistgħu jinstaqu.*

*Illi in oltre dan kollu, għalkemm is-Soċjeta intimata kienet obbligata tipprovdi għal servizz ta' towing, dan repetutament ma kienx ikun disponibbli u s-soċjeta rikorrenti kienet tagħmlu a spejjeż tagħha.*

*Illi dan ikkawza dannu lir-rikorrent li huwa ċert u likwidu b' valur totali ta sittax-il elf, tlett mija u sebgħin ewro (€ 16,370), li jinkludu telf ta' profitt fuq karozza waħda kif ukoll polza ta' assikurazjoni u spazju ta' parkeġġ imħallsa għal xejn għal sitt xhur sħaħ valur ta' tmint elef, mija u disgħa u erbgħin ewro (€8149), tlett elef u erbgħa u għoxrin ewro (€3024) imħallsa għas-servizz ta' towing bejn is-sena 2019 u 2019 u erba' mitt ewro (€400) f'rifużjonijiet li kellhom jagħtu lill-klijenti fl-istess sinin, kif ukoll circa erba t'elef u tmien mitt ewro (€4800) telf ta' profitti fl-2019 hekk kif 3 karozzi għamlu tlett xhur għand is-soċjeta' intimata.*

*Illi ta' dan kollu, ir-rikorrenti ma ingħata ebda kumpens;*

*Illi l-liġi ma tipprovdix definizjoni ta' raġunijiet gravi u validi għaliex l-eżekuzzjoni tal-kambjala għandha tiġi sospiża u għaldaqstant din hija diskrezzjoni assoluta tal-qorti sabiex tiddetermina tali raġunijiet.*

*Illi l-fatti kif esposti f'dan ir-rikors, u li se jiġu ppruvati waqt is-smiegħ, jikkostitwixxu raġunijiet gravi u validi, suffiċjenti sabiex il-bilanċ pendenti ta' €9,600 mill-kambjala in kwistjoni jiġi sospiż milli jiġi dikjarat titolu eżekuttiv.*

*Illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana illi kambjala tottjeni biss ħajja bħala obligazzjoni separata mill-obligazzjoni prinċipali meta tiġi girata favur terzi.*

*Illi l-kambjala in kwistjoni ma ġietx ġirata favur terzi u għalhekk tippermeti għal-eċċezjonijiet personali fil-kontront tal-intimat.*
*Illi fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Mallia vs Francis Chetcuti, datata 21 ta' Ottubru 2016, il-Prim Awla tal-Qorti Civili pprovdiet illi "...meta l-kambjala ma tiġix iġġirata favur terzi, ma tiġix miftuma mill-obbligazzjoni oriġinali u allura din (eċċezjonijjiet personali) tal-aħħar tkun tista' tiġi meħuda in kunsiderazzjoni".*

*Fl-istess kawza l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tagħmel referenza għas-sentenza repetutament ċitata mill-Qrati tagħna ta' Edgar Staines nomine vs Henry Trapani", deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-21 ta' Novembru 1940 li tgħid illi "meta l-kambjala ma tkunx ġiet negozjata u tibqa' f'idejn il-kreditur oriġinali, id-debitur jista' jqanqal eċċezzjonijiet personali, bħall-kompensazzjoni, il-pagament, jew il-maħfra totali jew parzjali tal-ammont kambjarju"*

*Illi f'Emanuel Mallia vs Francis Chetcuti, il-Prim Awla tal-Qorti Civili pprovdiet ukoll illi l-Indaġni tal-Qorti tal-Proċedura Odjerna għandu jkun biss wieħed prima facie u l-qorti m'għandiex tidħol fid-dettal tal-vertenzi allegati hekk kif ir-rikorrent ikun qed jitlob biss l-opportunita' li jiddefendi l-każ tiegħu fl-azzjoni stipulata mill-Kodiċi Kummerċjali u ċioe' l-Azzjoni kambjarja.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onor. Qorti sabiex ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jogħġobha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala u dan prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti tħoss bħala neċessarja."*

Rat ir-risposta tas-socjeta` Auto Sales Limited (aktar 'l isfel « is-socjeta` intimata »)ipprezentata fit-18 ta' Novembru 2019 li permezz taghha esponiet is-segwenti :-

*"1. It-talba tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi michuda stante li r-ragunijiet li taghti s-socjeta' konvenuta sabiex issejjes it-talba taghha (i) mhumiex relatati mal-firma fuq il-kambjali; u (ii) mhumiex ragunijiet gravi u validi bizzejjed kif jesigi l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Skont il-procedura ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, oppozizzjoni ghall-ezekuzzjoni ta' kambjali tista' ssir biss jekk (i) il-firma fuq il-kambjali m'hijiex ta' min accettahom jew (ii) fejn hemm ragunijiet gravi u validi bizzejjed.*

*3. Is-socjeta' konvenuta ma ressqet ebda difiza dwar ir-rekwiziti formali tal-kambjata in kwistjoni, wisq anqas dwar il-firma tar-rapprezentant tas-socjeta'*

*konvenuta. Anzi, huwa car li s-socjeta' konvenuta accettat din il-kambjala peress illi diga' ghamlet hlas konsiderevoli ta' €39,400 u fadal biss €9,600 x'jithallas, kif ammess fir-rikors taghha stess.*

*4. Is-socjeta' konvenuta ssostni fir-rikors taghha li r-ragunijiet gravi u validi huma li (i) s-socjeta' konvenuta sabet diffikultajiet biex tohrog polza ta' assigurazzjoni fuq vetturi li xtrat mis-socjeta' rikorrenti; (ii) li wahda minn dawn il-vetturi kienet kolpita bid-difetti u li din inzammet ghand ir-rikorrenti ghal sitt xhur shah minghajr ma nghata kumpens; (iii) difetti ohra fil-vetturi bhal handbrakes li wehlu; (iv) servizz ta' towing li allegatament ma kienx inghata.*

*5. Il-konsiderazzjonijiet tal-Qrati taghna dejjem kienu tali li ragunijiet gravi u serji ma jistghux ikunu aktar ampji mir-ragunijiet ikkontemplati mil-ligi specjali (il-Kodici tal-Kummerc Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta) biex izommu kambjala milli tithallas.*

*6. Fil-fatt, u dan jinghad minghajr pregudizzju ghall-ghemil mis-socjeta' rikorrenti ta' sottomissjonijiet ulterjuri f'waqthom, fil-kawza citata mis-socjeta' konvenuta, il-Qorti spjegat x'jista' jikkostitwixxi raguni gravi u serja fil-kuntest tal-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12. Minkejja dan, il-Qorti f'dik il-kawza kienet laqghet it-talba ghas-sospensjoni wara li kkunsidrat il-provi, fuq bazi prima facie, wara li l-partijiet ma kinux qablu dwar l-ammont li kien thallas, li certament mhuwiex il-kaz hawnhekk.*

*7. Kif ser jigi spjegat f'aktar dettall waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex ragunijiet validi u serji kif mitlub taht l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 stante li kellha rimedji ohrajn ex lege sabiex (fl-interess taghha) tevita l-procedura mibdija mis-socjeta' esponenti u liema rimedji l-istess socjeta' konvenuta ghazlet li ma taghmilx uzu minnhom.*
*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tas-socjeta' konvenuta fl-intier taghha u tirrendi l-porzjon tal-kambjata li ma thallax mill-istess socjeta' konvenuta esegwibbli."*

Rat l-affidavit ta' Lydon Laudi ;

Semghet lil Etienne Attard

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghal digriet.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-mertu fis-semplicita` tieghu huwa illi s-socjeta` rikorrenti xtrat numru ta' vetturi minghand is-socjeta` intimata versu l-perezz ta' disgha u erbghin elf ewro (€49,000). Rigward dan il-bejgh inharget kambjala wahda. Peress li kien fadal bilanc x'jithallas, is-socjeta` intimata pprocediet ai termini tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tirrendi l-bilanc pendenti bhala titolu ezekuttiv.

Illi min-naha taghha, s-socjeta` rikorrenti intavolat dawn il-proceduri biex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-imsemmija kambjala ai termini tal-*proviso* tal-artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imsemmi *proviso* jistipula illi :

*"B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ."*

Illi mir-rikors promutur jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti qieghda tissottometti illi hemm ragunijiet **<u>gravi u validi</u>** sabiex din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala *de quo*.

Illi dwar "ir-ragunijiet gravi u validi", il-Qrati tagħna elaboraw il-prinċipji li ġejjin:

(i) il-liġi ma tgħidx x'inhuma tali raġunijiet gravi u validi. Il-leġislatur ħallihom għad-diskrezzjoni tal-qrati biex jaraw huma, l-każ partikolari li jitressaq quddiemhom, x'tista' tkun ir-raġuni tajba u gravi li

twassalhom jordnaw it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note*.[1] "Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief l-każ tal- firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni";[2]

(ii) din il-proċedura li ddaħħlet fis-sena 2004 fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili f'dan ir-rigward kienet maħsuba biex tagħti rimedju lil min ikun intalab li jħallas kambjala jew *promissory note* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ u jkun hemm raġuni tajba biex iżomm l-eżekuttività tagħha jew il-ħlas mitlub. Min-naħa l-oħra, wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-proċedura tirreferi għal titoli eżekuttivi u t-tifsira għall-eċċezzjoni kontra l-eżekuttività tal-istess titoli ma tridx tkun waħda wiesgħa li ġġib x-xejn l-effetti ta' titoli bħal dawn. Huwa għalhekk li l-liġi ssemmi raġunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-eżekuttività tagħhom, fejn dan jitħalla jsir;

(iii) dawn ir-raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-odiċi tal- ummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. "Il-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi ma jistgħux ikunu usa mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħal tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li tressaq speċifikament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-

[1] Vide s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16.12.200 l-kawża -ismijiet Henry Depasquale vs. Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.
[2] Vide Giovanni Briffa vs. Ronald Azzopardi – Prim'Awla de iża l-05.02.2008.

> esekuzzjoni tal-kambjala jew *promissory note* li tkun."[3]

Illi r-raguni li taghti s-socjeta` rikorrenti ghat-talba taghha ghas-sospensjoni hija illi s-socjeta` intimata ma onoratx il-ftehim peress li l-vetturi mixtrija minghanda ma setghux jigu assikurati biex jinstaqu f'Malta, liema diffikulta` giet sorvolata biss wara xaharejn. Di piu`, is-socjeta` rikorrenti tissottometti illi l-vetturi kellhom diversi difetti, filwaqt li s-socjeta` intimata, ghalkemm obbligata tipprovdi servizz ta' *towing*, ripetutament ma pprovdietx l-istess servizz bir-rizultat li s-socjeta` rikorrenti kienet taghmlu a spejjez taghha. Is-socjeta` rikorrenti tissottometti illi minhabba l-agir tas-socjeta` intimata hija sofriet danni fl-ammont ta' sittax-il elf, tliet mija u sebghin ewro (€16,370). Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti tishaq li dan kollu jammonta ghal "ragunijiet gravi u validi" li abbazi taghhom din il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala *de quo*.

**Ikkunsidrat:**

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` intimata, tishaq illi r-ragunijiet imressqa mis-socjeta` rikorrenti ghala ma onoratx il-kambjala huma kollha skuzi sabiex ma thallasx. Hija tishaq ukoll illi tant m'humiex ragunijiet gravi u validi illi s-socjeta` rikorrenti ma ressqet l-ebda azzjoni sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha.

Illi wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni r-ragunijiet imressqa mis-socjeta` rikorrenti, u kif ukoll is-sottomissjonijet finali tas-socjeta` intimata, tqis illi ghalkemm sa issa is-socjeta` rikorrenti ma ressqitx xi kawza appozita biex tholl il-bejgh *de quo,* ir-ragunijiet imsemmija minnha ghala qieghda topponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjala *de quo,* meta mehudin flimkien jaghtu lok sabiex din il-Qorti tikkonkludi li huma ragunijiet gravi u validi ghal tali sospensjoni. Illi din il-Qorti mhux se tidhol fil-mertu tal-vertenza li jista' jkun hemm bejn il-partijiet, ghaliex din trid tigi ezaminata *semmai* f'azzjoni

[3] Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla (JRM), fis-07. 03. 2008 fl-ismijiet Gaffarena Holdings Limited vs. Seaborg Co. Limited.

appozita, pero` *prima facie* hija tal-opinjoni illi s-socjeta` rikorrenti ghandha ragunijiet li ghalihom tista' titlob ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala in kwistjoni. Dan naturalment qieghed jinghad minghajr ebda pregudizzju ghall-mertu li kif diga inghad irid jigi indagat fil-kawza vera u proprja.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda, ai termini tal-artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tissosspendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala ghall-bilanc pendenti ta' disat elef u sitt mitt ewro (€9600) kif imsemmija fl-ittra ufficjali numru 1902/2019 ipprezentata fis-17 ta' Settembru 2019 u esebita a fol. 12 tal-process.

L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**